**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 401/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Gatt**

**Illum 23 ta' Ġunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Raymond Gatt** detenur tal-karta tal-identita' Maltija 30861M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli;

Nhar 1-4 ta' Ġunju, 2021, għall-ħabta tal-10:09 am ġewwa Triq il-Ġebla tal- General, San Lawrenz, Għawdex, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew hatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma, jew ha ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Diċembru,2024, fejn sabet lill-imputat ħati u kkundannatu

għall-ħlas ta' multa ta' tlett mitt euro ( €300) u ordnat ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 lill-istess imputat sabiex ineħħi l-ħajt mertu tal- imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif indikat fl-istess sentenza u dan fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza ;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Raymond Gatt preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Dicembru,2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti;

- Tħassar u tibdel is- sentanza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Diċembru, 2024, fil-konfront tiegħu u tilliberaħ minn kull piena u ħtija skont il-Liġi.

**L-aggravji huma cari u manifesti;**

a. Illi, filwaqt li l-esponenti jifhem u jikkondividi l-ħsieb li fi kwalsiasi proċess ġudizzjarju l-azzjoni ċivili għandha għal kollox tipproċedi indipendentament mill-azzjoni kriminali, tant li l-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta, preċiżament f'Artikolu 6 tal-istess, jirrimarka dan, l-appellant bil-qima jissottometti li kien ikun ferm għaqli li l-Qorti tal- Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali tikkonsidra dak li żvolġa fl-azzjoni ċivili, meta din tal-aħħar għandha aktar minn importanza valida fir-rigward tal-grad tal-prova rikjesta mill-kamp Penali, ossia dik lil hinn minn kull dubju dettat mir- raġuni. Di fatti, hawn issir l-umli referenza tal-appellant għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grima et V. Raymod Gatt et**, deċiża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, elfejn tnejn u għoxrin (2022), liema prinċipji hemmhekk rilevat mill-Onorabbli Qorti, ġew segwiti fid-difiża odjerna;

b. Illi, u dan mingħajr preġudizzju għal dak sa issa sottomess, minkejja l-fatt li wieħed jista' jifhem l-argumentazzjoni u eventwalment il- konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali fejn tidħol il-prova ta' min huwa l-

awtur tal- ħajt in kwistjoni u min għadda l-pajp tal-ilma minn ġewwa l-għalqa tal-kwerelant, dan ċertament li ma jinkwadrax ġustament fil-Kamp Penali u l-prova u l-grad tagħha kif surreferiti. Intant, hawn jiġi ulterjorament sottomess kif il-kwerelant innifsu fl-ebda waqt u ħin ma kien f'pożizzjoni bil-ġurament tiegħu jikkonferma li kien proprju l-appellant li għamel tali għaġir. Sforz in-natura tal-proċedura odjerna, l-appellant jissottometti li l-ebda prova sodisfaċenti ma nġiebet f'dan il-konfront, u li l-fatt li l-appellant huwa sid tal-art adjaċenti għal dik tal-kwerelant ma tagħti l-ebda serħan il-moħħ sabiex jiġu sodisfatti l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-istess;

c. Illi, fid-dawl ta' dak sa issa sottomess, iżda mingħajr preġudizzju għall-ebda, l-appellant jagħmel referenza umli għal dak raġonat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali, u ċioé li: ...irriżulta ampjament li kien hemm pendenzi anke ġudizzjarji fil-fora ċivili fir-rigward ta' dan il-ħajt u dawn l- ambjenti bejn l-imputat u l-kwerelant. Dan l-appellant jagħmlu għar- raġuni li bid-dovut rispett, u b' kull reverenza tant dovuta, jidher biċ-ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali, anke jekk fis-sapjenza tagħha, tidher qiegħda b' mod żbilanċjat tirreferi għall-azzjoni (jiet) ċivili ta' bejnet il-partijiet. F'waqtiet b'mod sħiħ, u f'waqtiet oħra, u dan jingħad b'qima, b'mod konvenjenti għall-konvenut. In oltré, l-appellant jissottometti quddiem din l-Onorabbli Qorti kif din ir-referenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali m'għandhiex b' xi mod titqies ekwivalenti jew li għandha tissostitwixxi r-responsabiltà tal-Prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova mitluba mill- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b' referenza għall-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta, sabiex issostni l-imputazzjonijiet li bihom tallega fil-konfront ta' xi ħadd. Il-fora ċivili, multo magis meta wieħed jikkonsidra d-differenza fil-grad tal-prova, m'għandiex tkun misjuba biżżejjed sabiex din il-Qorti Onorabbli tkun sodisfatta li fattwalment l-imputat appellant bena l-ħajt u għadda l-pajp tal-ilma mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet;

d. Illi, mingħajr preġudizzju għal dak sottomess tul il-presenti sa issa, issir umli referenza għar-Rapport tas-Surveyor u Inġinier Raymond Attard, parti mill-

inkartament. Dan l-appellant jagħmlu għaliex fl-umli fehma tiegħu ġie għal kollox skartat, wisq anqas apprezzat, meta wieħed iqis lassjem sħiħ tal-provi. Huwa proprju tul dan ir-Rapport li ġie konkluż kif meta wieħed iqabbel il-qisien bejn il-pjanta tal-Awtoritá tal-Artijiet u dik tal-esponent tekniku, id-differenza hi waħda minima. Kif dan jista' qatt allura jinkwadra f'att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna, l-appellant għandu umilment dubbji gravi, serji u kbar. Dal resto, fir-Rapport indikat, ikun ukoll konkluż kif l-appellant kien mexa skont il-qisien mgħotija lilu mill-uffiċjal tal-Awtoritá tal-Artijiet. Mill-ġdid, kif dan jista' jinkwadra f' Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo (Carrara), l-appellant għandu l-oppożizzjoni hawn sottomessa reverentament tiegħu;

e. Illi, ix-xjenza mitluba mill-Ġurisprudenza nostrana sabiex dan ir-reat jitqies sodisfatt, ma ġietx, jissottometti l-appellant, sodisfatta. Ċioé, dik ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali. L-appellant kellu biss xjenza waħda, u li ċertament mhix dik ix-xjenza li jitolbu dawn l-imputazzjonijiet. Ix-xjenza li l-appellant kellu kienet dik li huwa qiegħed jaġixxi mal- proċess legali kif gwidat mill-Awtoritá tal-Artijiet, u dan kif fuq spjegat u kif riżultanti mir-Rapport in atti tas-Surveyor u Inġinier Raymond Attard;

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Frar, 2023 fejn talab li t-talba tar-rikorrenti tigi miċħuda u s-sentenza tal-ewwel Qorti tiġi konfermata.

Rat l-affidavit ta' **PS 428 Carmelo Debattista** esebit fl-atti fejn stqarr li nhar l-4 ta' Ġunju, 2021 ghal ħabta ta' 10.09 irċieva rapport mingħand Joseph Grima illi xi ħin qabel huwa kien innota lil Raymond Gatt jagħmel xi ħajt tal-qasma ta' għalqa u anke għadda xi pajp tal-ilma minn ġewwa l-għalqa ta' Grima.

Meta gie mitkellem Raymond Gatt stqarr li huwa kien għamel kollox skont il-ligi u li l-marki tal-qasma kienet ordnathom il-Qorti. Ikkonferma li kien hemm ukoll kawża ċivili għaddejja. Il-partijiet ġew imwissija li kienu ser jinħarġu l-akkuzi. Tħejja rapport

u dan ġie mmarkat bħala dok CD1 u li ġie mhemuż ma' dan l-affidavit. Ġie esebit ukoll kopja tal-kwerela li ġiet immarkata bħala dok CD2.

Rat l-okkorrenza markata bħala dok CD1 esebita a fol 4 tal-atti.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2021 fejn innominat lil Perit Valerio Schembri sabiex jisma x-xhieda bil-ġurament jiġbor id-dokumenti u jagħmel aċċess jekk ikun hemm il-bzonn. Illi dan l-istess perit deher quddiem l-ewwel Qorti nhar id-19 ta' Jannar, 2024 u ppreżzenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala dok VS.

Illi quddiem il-perit Tekniku kien xehed **Joseph Grima** li ppreżenta pjanta magħmula mill-Perit Clint Camilleri li ġiet immarkata bħala dok JG 220401 li mhiex waħda maħruġa mill-Lands. Spjega li l-post mertu tal-kawża jinsab ġewwa San Lawrenz Għawdex u si tratta ta' għelieqi. Dik maħruġa mill-lands tinsab esebita fil-kawża ċivili bejnu u bejn l-imputat odjern. L-għan ta' din il-pjanta kienet sabiex jigi stabilit il-posizzjoni tal-ħajt li ġie mmarkat bħala dok AB biex b'hekk ikun jista' jinqala' l-istess ħajt. Il-pjanta saret wara li ttiħed kejl relattiv fil-preżenza tiegħu tal-imputat Gatt u ovvjament tal-perit Camilleri stess. Il-perit Camilleri kien ġie inkarigat mill-imputat stess. Una volta ġiet ppreżentata din il-pjanta huwa kien aċċetta li l-ħajt jaqa' u ħallih jgħaddi anke minn ġol-għalqa tiegħu. L-intendiment kien li wara jerġa' jinbena l-ħajt għal fejn kien qabel kif kien jidher fil-pjanta JG 220401.

L-imputat reġa bena l-ħajt ġol-għalqa tiegħu u mhux skont il-pjanta li esebixxa. Huwa għalhekk intavola mandat ta' Inibizzjoni li jissemma fir-rapport li għamel lill-pulizija u dan biex il-hajt jinbena kif suppost. Dak iż-żmien l-imputat kien poġġa kantun u ma ħallihx ikompli peress li kien għalaqlu l-aċċess u kien daħal bejn tlieta u erba' piedi għal ġo tiegħu. Jgħid li dan il-mandat u l-ħjat telgħu tmien snin ilu pero dan mhux ir-rapport in desamina.

Dan ir-rapport odjern sar għaliex ġew mid-Dipartiment tal-Lands ikejlu bl-instrument u għamlu l-imsiemer żebgħu bl-aħmar u stabilew is-sinjali tal-ħajt. Jikkonferma li l-ħajt kif inhu illum jaqbel miegħu.

**Ir-rapport mertu tal-kawża sar għaliex l-imputat għalaqlu l-passaġġ u ma hallilux minn fejn jgħaddi**[1]. Fil-parti mmarkata bħala dok ACDE mmarkata fuq il-pjanta JG220401 hija parti li qabel ma tantx kienet ingumbrata u llum għamel ħajt tas-sejjiegħ fiha b'tali mod li ma jistax jaċċedi għall-għalqa tiegħu li tinsab wara l-parti DE. Dan kien f'Ġunju 2021. Qal li hemm ukoll katusa li tgħaddi mill-proprjeta' tiegħu u din saret tmien snin ilu pero induna biha meta mexa dan il-ħajt. Kixef il-konkos u nduna bil-katusa.

Illum jgħid li ma jistax jidħol u għalhekk ma hux qed imur fuq l-post. Fir-rigward ta' meta ċċaqlaq il-ħajt u cioe' l-mertu tal-kawża odjerna huwa ma rax lill-imputat iċaqilqu kien mar u sab kollox lest.

Rat ix-xhieda ta' **Raymond Grima** mogħtija qudddiem il-perit tekniku nhar id-29 ta' Ottubru, 2022 u kkonferma li jigi hu l-kwerelant. Huwa familjari mal-għalqa mertu tal-kawża. L-aċċess għall-għalqa kien tramite passaġġ li llum huwa mibni. Mal-iżvilippatur kienu ftiehmu li l-passaġġ jiċċaqlaq u jiġi mal-genb u illum għamlu konkos. Jgħid li l-izviluppatur  il-passaġġ għamlu kif ftehmu. Dan huwa tal-Gozo Aluminium u kienu ftehmu ma' ċertu Mark u Ġuzepp.

Ikkonferma li qabel kien hemm passaġġ li jasal sal-għalqa tagħhom u finalment għal ġo l-għalqa taghhom, kien hemm rampa minħabba id-diżlivell. Jghid li l-konkos ta' din il-kumpanija waslitu sa fejn hemm l-qasma bejnhom u bejn terzi. Il-konkos li sar aktarx iżjed minn għaxar snin.

Qal li l-passaġġ minn proprjeta' ta' terzi ma ntmissx. Huma kienu jgħaddu minn fuq l-konkos il-ġdid  u jaqbdu l-passaġġ antik. Huwa esebixxa dok RG281001 u fuq ir-ritratt mmarkat bl-ittra 'A' jidher minn AA sa BB fejn hemm il-passaġġ tal-konkos li sar minn Gozo Aluminium minn BB sa CC hawn il-passaġġ li kien għadu eżistenti u minn CC fejn l-għalqa kien hemm ir-rampa. Esebixxa dok RG 281002 li turi l-punt BB fuq ritratt V li jikkorrispondi ma' BB fuq Dok RG 281001.

[1] Enfasi ta' din l Onorabbli Qorti

Lil Raymond Gatt li għaraf preżenti bħala l-imputat kien li tella ħajt li indika bl-ittra XX fuq ir-ritratt B ta Dok RG 281002 u **huma b'hekk għalqu l-aċċess.** [2]

Rat ix-xhieda tal-**Onorevoli Perit Clint Camilleri** fejn stqarr li ma jiftakarx l-inkarigu li kellu pero' jaħseb li kien biex jorbot il-ħajt li indika bl-ittri XY fuq l-istess pjanta. Mill-memorja jgħid għandu l-parti mmarkata bħala XX żgur u jista' jkun li għandu biċċa oħra isfel iżda ma hux ċert. Daħħlu minn wara l-pool. Muri dok RG281002 pero' mhux ser jiftakar l-ekwati. Jaf li kienu għaddew minn wara xi pools ta' xi blokka flats sa fejn jiftakar. Il-marka ZX ma għamiliex hu u ma jistax jgħid x'inhi. Jgħid li hu kien interessat biss biex jorbot il-hajt u dan joħroġ ċar mill-pjanta li ħejja u ġiet esebita bħala dok CC281001. Mitlub jgħid kif aċċeda fuq XY jgħid li jew qabeż xi ħajt tas-sejjiegħ jew kien hemm xi fetħa u daħal minnha. In kontro eżami jgħid li minn dak inhar li għamel il-pjanta sa dakinhar li xehed ma reġax mar fuq il-post. Żgur pero' li l-imputat qallu li kellu r-raba fejn hemm immarkat XX u jista jkun li qallu li kellu xi rabta taħt ir-riħ tal-ħajt fejn hemm indikat bl-ittra YY fuq din il-pjanta CC281001.

Rat ix-xhieda ta' **Mark Grech** mogħtija nhar it- 2 ta' Diċembru, 2022 u meta ġie muri id-Dok JS 111105 jgħid li l-iżvilupp tal-General u issa bl-isem tal-blokka għamlitu s-soċjeta' Islands Development Ltd ma' terzi. L-iżvilupp huwa kantunira bejn Triq id-Dwejra u Triq it-Torri ġewwa San Lawrenz. L-iżvilupp immarkat bl-ittri ABCD. B'referenza ghal passaġġ immarkat bl-ittri AD jgħid li dan sar mill-izvilippaturi. Jghid li fil punt A kien hemm bidu ta' rampa. Pero kien ilu ħmistax-il sena li lestw il-proġett. Dan kien sar sabiex min għandu pool liema pools jinstabu taħt il-livel tat-triq kif del resto huwa l-appartament ikunu jistghu jmantnu l-proprjeta' taghhom tramite dan il-passaġġ. Kulhadd għandu gate żgħira biex ikollu aċċess għall-istess passaġġ. Milli jiftakar hu dan hu passaġġ ta' metru jew ftit iżjed huwa passaġġ bir-riġel.

Jgħid li gate fuq barra ma għamilx u b'hekk jista' jidħol min irid *gate* hemm bejn il-passaġġ li għamel u l-proprjetajiet li kienu żviluppaw u li llum huma proprjeta' ta' terzi. Mitlub jgħid ma min saru t-trattativi fuq dan il-passaġġ meta ġie biex jinħoloq

[2] Enfasi ta din l Onorabbi Qorti

jgħid li miegħu ma sarux. Ma kellhom l-ebda problema sabiex dan il-passaġġ isir u dan għaliex għamluh a spejjeż tagħhom. Mitlub jgħid minn fejn hemm aċċess għall-għelieqi fuq wara jgħid li ma jafx.

Muri dok JS111104 u mistoqsi x'inhu ABCDE jgħid li mir-ritratt jidher l-iżvilupp għadu mhux kompletat. Is-shell tal-binja kienet lesta u kien baqa' l-pools ta' wara li huma adjaċenti għal passaġġ mertu tal-kawża. Jgħid li jekk jiftakar sew rampa viċin it-triq asfaltata Dwejra road kien hemm. Jaf żgur li l-passaġġi għamluh huma u halsu għalih huma wkoll. L-imputat ma xtara xejn mill-iżvilupp li għamlu huma fl-akwati mertu tal-kawża.

Rat ix-xhieda ta' **Karl Borg** in rappreżentanza tal-Lands mogħtija qudddiem il-perit tekniku nhar l-24 ta' Marzu, 2023 fejn kkonferma li Maria Theresa Grima kienet ippreżentat tlett applikazzjonijiet li kopji tagħhom ġew ippreżentati u mmarkati bħala dok  KB240301 sa KB 24303. Ippreżenta żewġ survey sheets li huma ta' 1968 li ġew immarkati bħala dok KB240304 u KB 240305. Ir-raba mertu tal-kawża huwa A B C u D.

Id-Dok KB240301 proprjament m'għandiex x'taqsam mal-kawża odjerna.  Fit-taħrika li irċieva kellu miktub 301729 u din ma teżistix.

Ix-xhieda mogħtija minn l-Ingineer Raymond Attard quddiem il-Qorti Ċivili għalkemm bil-ġurament ma tistax tingħata widen minn din il-Qorti u  dan għaliex ingħatat f'kawża ċivili u mhux fl-atti ta din il-kawża fil-presenza tal-imputat. Fil-proċeduri kriminali ma jistax jigi esebit xhieda jekk mhux viva voce jew xhieda bl-affidavit salv f'dawk l-eventwalitajiet eċċezzjonali imsemmija fil-ligi  stess. Għalhekk tali xhieda qed tigi skartata. Anke l-kopja tar-rapport tas-surveyor Raymond Attard formanti parti mill-kawża rikors Numru 92/2014  li ġie mmarkat bħala dok RG 010901 ma jistax jingħata widen u dan għaliex  ma ġiex ikkonfermat mill-awtur tiegħu quddiem din il-Qorti f'dawn l-istess proċeduri.

Il-Qorti rat ukoll il-konklużżjonijiet raġġunti mill-perit nominat mill-Qorti u cioe' Valerio Schembri kif indikati fir-relazzjoni tiegħu fejn ikkonkluda bis-segwenti:

1. L-akkuża odjerna issemmi d-data u l-ħin speċifiku tal-4 ta' Ġunju, 2021 fl-10.09. Issa jgħid li d-data u ħin huma dawk imsemmija fl-affidvit mix-xhud tal-prosekuzzjoni PS 428 Carmelo Debattista meta jikkonferma l-ħin meta l-kwerelant Joseph Grima mar jagħmel ir-rapport. Daltronde meta Joseph Grima xehed quddiemu u kkonferma li l-parti li kien qed jilmenta minnha u cioe' ACDE fuq dok JG 220401 saret f 'Ġunju 2021 u għalhekk hemm qbil maż-żmien imsemmi fl-akkuża.

2. Minn dok RG280101 (Ritrtt A) esebit minn Raymond Grima hu l-kwerelant jirriżulta ċar u manifest illi f'xi zmien fit-tarf tal-passaġġ tal- konkos ABCDE fuq dok JS 11104 kien hemm fetħa. Minn dok RG 280101 jirriżulta li kien hemm xi forma ta' aċċess aktarx rampa. Anke l-istess pjanta redatta mill-perit Clint Camilleri inkarigat mill-imputat illum appellant esebita u mmarkata bħala dok CC281001 identika għal dok JG220401 jirriżulta ċar u manifest illi f'xi zmien żgur fis-sena 2014 il-parti ACDE ma kienitx mibnija ergo aċċess kien hemm. Mill-provi li kellu quddiemu l-perit tekniku wasal biex kkonvinċa ruħu li l-aċċess li qed jallega li kien hemm il-kwerelant Joseph Grima kien fi-veru fatt f'xi żmien jeżisti.

3.M'hemmx dubju fil-fehma ta' espert tekniku li meta kien qed jitla' l-ħajt immarkat XX fuq il-pjanta RG 281001 aċċess għall-għalqa tal-kwerelant Joseph Grima ngħalaq. Is-sitwazzjoni *in situ* illum hija hekk kif jidher fuq Dok VS 0101 meħud mill-perit tekniku stess waqt l-aċċess. Il-ħajt jidher fuq l-istess ritratt immarkat dok VS 0101 huwa l-ħajt XX fuq dok RG 181002 u ċioe l-ħajt li għalaq il-parti ACDE fuq Dok JG 220401 u mmblokka l-aċċess ġja eżistenti mir-rampa li tidher fuq dok RG 281001 ( ritratt A). Fil-fehma tiegħu ma hemmx dubbju li meta sar l-istess ħajt il-kwerelant Joseph Grima ġie imċaħħad mill-aċċess għar-raba tiegħu liema aċċess għadu imblokkat sa dakinhar tal-aċċess kif stabilit mill-perit innifsu.

4. Mill-provi li gab il-perit jirriżulta li dwar il-ħajt in kwistjoni jidher illi kien hemm anke vertenzi legali senjatament Ċitazzjoni Nru 92-2014 fl-ismijiet **<u>Joseph Grima et vs Rymond Gatt et</u>** liema kwisjoni mill-okkju tal-istess kawża kienu jirrisalu għas-sena 2014 u ċioe cirka seba' snin qabel saret il-kwerela odjerna. Id-difensur tal-parte ċivile fis-seduta tat-22 ta' April 222 jirriserva li jesebixxi kopja tal-mandat ta inibzzjoi li suespost kien hemm mhemuz mar-rapport pero' fil-mori dan il-mandat baqa' ma ġiex

esebit. Għalhekk isegwi fil-fehma tiegħu illi l-ħajt sar kontra r-rieda espressa tal-kwerelant Joseph Grima.

5. In finis jgħid li Dok RG010901 et sec u ċioe vera kopja tar-rapport tal-inġinier Attard f'atti tal-kawża 92-2014 esebit mll-imputat jgħid is-segwenti:- l-inġinier tekniku ma għandux l-iċken dubju li x-xogħlijiet li sar mill-konvenut (l-imputat Raymond Gatt) huma konformi mas-sentenza mogħtija mill-Qorti.' Dan ir-rapport redatt minn espert tal-fiduċja tal-Qorti jikkonferma li l-ħajt in kwistjoni u ċioe dak li qed jimpedixxi l-aċċess għar-raba tal-kwerelant Grima sar mill-imputat Raymond Gatt f'dawn il-proċeduri għażel li ma jixhedx.

Fir-rigward tal-ħames konklużjoni redatta mill-perit tekniku, din il-Qorti tgħid **bla tlaqliq** li ma hiex ser tieħu konjizzjoni tagħha. Fl-ewwel lok ma jista' isir l-ebda referenza, inferenza jew kumment dwar il-fatt li l-appellant għġazel li ma jixhedx fil-proċeduri għaddejjin fil-konfront tiegħu. Dan hu dritt sagrosant tiegħu mogħti lilu bil-Kostituzzjoni ta' Malta, bil-Kodiċi Kriminali u saħansitra anke bil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Fit-tieni lok ir-rapport tal-Inġinier Raymond Attard esebit mill-imputat m'għandux widen f'dawn il-proċeduri għaliex l-awtur ta' dan ir-rapport naqas li jitħarrek bħala xhud biex jikkonfermah.

Semgħet il-partijiet jittrattaw dan il-kaz waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2025.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Kif tajjeb oservat l-ewwel Qorti r-reat ta' raggion fattasi huwa regolat bl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-elementi li jsawru r-reat stabbiliti fil-gurisprudenza bħala:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c)ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;[3]

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.*[4]*"*

> *"Hu risaput – u dan, del resto johrog mill-istess definizzjoni tar reat in dizamina – li l-istess att materjali jista jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu irrilevanti jekk dina l intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico"*[5]

---

[3] **Pulizija vs Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Pulizija vs Mario Bezzina**, deċiża mill Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Pulizija vs Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[4] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19 ta' Gunju, 2002

[5] Il-Pulizija vs Mario Lungaro deciz App.Inf. 15 ta' Novembru,1996

Dan għaliex:

> *'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*[6]

Illi jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta' li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti f'każ ta' sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha **d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.**[7]

Infatti din il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

> *"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha.*
>
> *Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."*

Ukoll fl-appell **Pulizija vs John Vassallo**[8], il-Qorti qieset illi;

---

[6] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.
[7] Enfasi ta' din l -Onorabbli Qorti
[8] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu .1991

*'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'*

Dan għaliex:

*'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom.* ***Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.***[9]'[10]

Minn eżami tal-provi jirriżulta skont dak li stqarr PS 428 Carmelo Debattista fl-affidavit tiegħu li l-kwerelant Joseph Grima kien irraporta l-imputat illum appellant li kien għamel ħajt tal-qasma ta' għalqa u għadda pajp tal-ilma minn ġewwa l-għalqa tal-istess Grima. Il-kwerelant xehed u kkonferma ir-rapport li għamel għand il-pulizija u żied jgħid li l-imputat kien mar fl-għalqa u miegħu kellu gaffa żgħira u dan tal-aħħar ħaffer il-pedamenti għall-hajt u bena meta suppost il-qasma kelha tkun immarkata bil-qorti. Grima qal ukoll li Gatt kien għadda wkoll xi katusi mill-għalqa tiegħu.

Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li stqarr l-perit tekniku nominat mill-Qorti . Dan ikkonstata li xi żmien qabel ma kien sar ir-rapport fit-tarf tal-passaġġ tal-konkos immarkat ABCDE muri fuq dok JS 111104 kien hemm fetħa u għalhekk kien hemm xi forma ta' aċċess aktarx rampa. Irriżulta wkoll għas-sodisfazzjoni tiegħu li meta kien tiela l-ħajt immarkat XX fuq dok RG 281002 dan spiċċa għalaq il-parti esistenti li tidher fuq Dok RG 281001.

---

[9] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

[10] **Il-Pulizija vs John Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

Gatt ikkonferma fix-xhieda tiegħu li l-imputat illum appellant ghalaqlu l-passaġġ cioe ma hallilux minn fejn jgħaddi. Qal li l-parti mmarkata bħala ACDE murija fuq id-dok JG 220401 hija parti fejn qabel ma kienitx ingombrata u llum l-imputat poġġa ħajt tas-sejjiegħ b'tali mod li ma jistax jaċċedi għall-għalqa tiegħu wara l-parti mmarkata bl-ittri DE . Dan kollu seħħ f'Ġunju 2021. Ikkonferma wkoll li hemm katusa għaddejja minn ġol-proprjeta' tiegħu mingħajr il-kunsens tiegħu għalkemm kient ilha li saret, induna biha riċentement.

Illi din ix-xhieda tal-kwerelant fl-ebda ħin ma ġiet ikkontestata mill-appellant b'xi prova kuntrarja. L-oġġezzjoni tiegħu saret biss permezz ta' trattazzjoni quddiem din l-Qorti . L-appellant ma setax jaqbad u jibni ħajt billi jimpedixxi jew jostakola d-dritt ta' passaġġ li kien igawdi minnu l-appellant. Dan hu proprju dak li ma jistax jagħmel skont dan ir-reat li l-prosekuzzjoni akkużat l-appellant bih.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier tagħha kemm fir-rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Qiegħda wkoll ai terminu tal-artikolu 377 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-appellant sabiex fi żmien xagħrejn millum ineħħi l-ħajt mibni minnu u jipprestina il-post fil-qagħda li kien qabel biex b'hekk l-parte ċivile tkun tista' terġa' tgawdi l-passaġġ liberu li kellha għal diversi snin.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef

Jake Mejlak

Deputat Reġistratur